KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU DISA' U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru, 2003 fid-9.30am .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (10.30am) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Approvazzjoni tax-Xogħol - Librerija Lokali.
(4) Tiżjien tal-Milied.
(5) Żgħażagħ.
(6) Skola Ingliż - Ġemellaġġ.
(7) Skema Xogħol fil-Kommunita'.
(8) Riżoluzzjonijiet.

## 29 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

29(1).1 Is-Sindku ressaq sospensjoni tar-regolamenti ta' proċedura biex il-minuti tal-Laqgħa Numru 28 jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss. Dan minħabba pressjoni ta' xogħol li kien hemm fil-Kunsill.

Din is-sospensjoni ġiet approvata.

## 29 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u x-xogħol li twettaq mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*29.(2).1 Akkademja Mużikali ( 22 / 11 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar fuq stedina tal-Queen's Own Band Club attendew akkaademja mużikali mtella' mill-istess Banda f'egħluq il-mitt (100) sena minn meta l-Banda bidlet isimha.

*29.(2).2 Laqgħa - Miss Galea, studenta ( 22 / 11 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa ma' din l-istudenta għal tagħrif li xtaqet dwar restawrazzjoni li qed issir fl-Isla. Din l-istudenta kienet akkumpanjata minn missierha li wkoll qiegħed jagħmel studju simili.

*29.(2).3 Premju Ħaddiem tas-Sena 2003 ( 22 / 11 / 2003 )*

Il-Kunsill kien mistieden għall-attivita' Premju Ħaddiem tas-Sena 2003 imtella' mill-Ministeru għall-Politika Soċjali fl-iSports Complex ta' Bormla.

Is-Sindku u l-Viċl Sindku ma' setgħux jattendu għal din l-attivita' għaliex kellhom jattendu l-attivita' tal-Banda Queen's Own.

*29.(2).4 Kunsill Skolastiku ( 01 / 12 / 03)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv f'laqgħa tal-Kunsill Skolastiku (fuq stedina tagħhom) dwar il-ġemellaġġ li l-Kunsill lokali għamel mal-Belt ta' Cassino.

Is-Sindku Joseph Casha ta l-aħħaar tagħrif dwar dan il-ġemellaġġ.

Ġiet diskussa l-possibilta' li studenti mill-iSkola Primarja Dom Mauro Inguanez jikkomunikaw ma' skola jew skejjel primarja f'Cassino. Sar qbil li l-Kunsill jinforma lill-Comune ta' Cassino dwar it-tisħlħ ta' din il-proposta.

*29(2).5 Kors taż-Żfin fil-Bini tal-Kunsill ( 01/12/03)*

Saret laqgħa mas-Sinjorina Celaine Buhagiar dwar it-talba tagħha biex torganiżża kors taż-żfin (għal tfal bejn 3 u 16 il-sena) skond it-talba tagħha (04/2109/03/I).

Għal din il-laqgħa kienu preżenti Joseph Casha, Walter Ahar, Reno Chircop u Alphonse Zammit.

Il-Kunsill approva l-kundizzjoni mressqa fl-ittra tagħha datata 4 ta' Diċembru, 2003 (04/2278/03/I).

*29.(2).6 Tenders PKG 04 / BR 04 - 03*

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lista tal-offerti li daħlu fil-Kunsill sa nhar it-Tnejn l-1 ta' Diċembru, 2003 sa 12.00pm fuq sejħa tal-Kunsill (Lista mehmuża):

- Ġonna u Soft Areas PKG 04 - 6 offerti.
- Bulky Refuse Collection BR 04 - 2 offerti.

Il-Kunsill ser jiltaqa' aktar tard dan ix-xahar biex jiddeċiedi fuq dawn.

*29.(2).7 Sotto Kumitat Edukazzjoni - (03/12/03)*

Nżammet laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni li kompla bil-ħidma tiegħu. Is-Sindku Joseph Casha mexxa din il-laqgħa bħala ċ-chairperson ta' dan is-Sotto Kumitat.

Il-punti diskussi f'din il-laqgħa huma dawk li hemm imniżżla fil-Minuti ta' dan is-Sotto Kumitat li huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

*29.(2).8 Kumitat Kottonera Magħquda ( 03 / 12 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha ma' setgħax jattendi għal-laqgħa mtella' minn dan il-Kumitat biex jemendaw l-istatut mill-ġdid.

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li l-Kunsill irid jara x'pożizzjoni ser jieħu f'dan il-Kumitat jekk hux ta' bħala Membru jew co-optional members.

*29.(2).9 Parking Resident's Only ( 03 / 12 / 2003)*

Waqt spezzjoni li saret fl-Isla mill-Field Services Branch, is-Sindku Joseph Casha fil-preżenza tal-Viċi Sindku ġew mgħarrfa li l-Parking Area li hemm fi Pjazza Ġorġ Mitrovich li tiġi quddiem il-Brigata ma' tistgħax tkun "Resident's Only" għaliex din hija art pubblika.

Il-messaġġ kien "Jekk il-Kunsill jibqa' jinsisti biex dan il-parkeġġ ikun "Resident's Only" allura jkun hemm tnaqqis fl-allokazzjoni minħabba li dan il-parkeġġ ikun meqjus bħala art privata u mhux pubblika".

Il-Kunsill qabel li din it-tabella titneħħa.

*29(2).10 Assoċjazzjoni START (04/12/03)*

Din hija Assoċjazzjoni ta' Artisti Maltin bil-għan li joħolqu esebizzjoni ta' arti varja f'postijiet storiċi li jkunu mitluqa.

F'laqgħa li saret fil-Kunsill fuq talba tagħhom huma wrew ix-xewqa li jtellgħu wirja kbira artistika fil-bini tal-Maċina għal April 2004.

Is-Sindku nforma lil din l-Għaqda li billi l-Maċina hija tal-Port Cottonera Consortium, huwwa kien ser jgħinom billi jwassal ix-xewqa tagħhom lil dan il-consortium.

Aktar tard is-Sindku għamel kuntatt mas-Sur Caruana Dingli tal-Port Cottonera Consortium fejn dawn laqgħu bil-ferħa din l-inizjattiva u beda l-kuntatti.

*29.(2).11* *Laqgħa Pubblika ( 07/ 12 / 03)*

Minkejja li l-Kunsill żamm din il-laqgħa ta' nformazzjoni għal-lokal ir-rispons taċ-ċittadini kien fqir ħafna. Attendiet persuna waħda biss, is-Sur Arthur Napier.

Għalhekk il-laqgħa ma' saritx wara li għaddiet nofs siegħa mill-ħin stabbilit għal din il-laqgħa.

*29.(2).12* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn is-17 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/2119/03/I* *Proġett*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Appoġġ li ser issir Launching ta' l-Uffiċċju u l-Proġett Terzi nhar it-Tlieta 2 ta' Diċembru, 2003 filwaqt li saret talba għall-vvolontiera għal dan ilproġett Mal-kommunita' ta' l-Isla.

*04/2136/03/I* *Finanzjament tal-Kunsill*

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali talbet jekk il-Kunsill japprovax biex l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jipproċedu legalment kontra d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar in-nuqqas ta' finanzjament tal-Kunsilli Lokali.

*04/2151/03/I* *Parteċipazzjoni ta' Korijiet*

IlKummissjoni Nazzjonali Folklore talab tagħrif dwar attivitajiet li ser isiru fil-Belt ta' l-Isla filġranet tal-Milied u jekk hemm xi korijiet jitħajrux li jipparteċipaw.

*04/ /03/I /* *Kottonera Magħquda*

Il-Kunsill irċieva emendi ġodda għall-istatut ta' din l-Għaqda sabiex jaraw jekk hemmx qbil fuqhom.

*04/2159/03/I* *Talba miċ-Ċentru Żgħażagħ Sengleani*

Ir-Rev. Joe Grech, Arċipriet informa lill-Kunsill dwar attivita' li kellha ssir fit-13 ta' Diċembru, 2003 u dwar talba għal xiri ta' Play Station 2 għal dawn lż-żgħażagħ. (Din ser tiġi diskussa aktar tard). RO 29(5)

*04/2160/03/I* *Ombudsman Każ Nru. 05*

Il-Kunsill sejjer jibgħat l-kummenti tiegħu dwar dan il-każ skond kif ingħata tagħrif lilu mill-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku dwar il-"Malta Vehicle Regulations Act ta' l-1994.

*04/2162/03/I* *Med Urbs*

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu reġa' fakkar lill-Kunsill Lokali ta' Bormla dwar il-flus dovuti lilhu lill-Kunsill Lokali ta' l-Isla taħt dan il-proġett u li għadhu ma' tħallasx kif imwiegħed.

Il-Kunsill Lokali Isla bi ħsiebu jikkonferma dwar dan ukoll.

*04/2176/03/I* *Website tal-Kunsill*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fakkar lill-Kunsill dwar il-grants li huma dovuti lil diversi Kunsilli li għadhom ma' għamlux it-talbiet tagħhom.

*04/2204/03/I /* *Kuntratt ta' Tindif fil-Lokal*

Il-Kunsill wieġeb għal tagħrif mitlub mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar ilkuntratt ta' tindif fillokal.

*04/2226/03/I* *Laqgħat mad-Direttur, Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

Id-Direttur tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Natalino Attard informa lill-Kunsill li minn Jannar hu sejjer jibda jiltaqa' mal-Kunsilli Lokali.

*04/2249/03/I* *Bring - in Sites*

l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-problema tal-proġett ta' Bring-in sites għas-separazzjoni ta' liskart fejn qed turi li mhux qed taqbel mad-deċiżjoni tal-Gvern li l-Kunsilli Lokali għandhom jerfgħu din l-ispiża ġdida mingħajr ma' kellhom finanzjament adekwat għal dan minn qabel.

*Sospensjoni tar-Regolamenti*

*Is-Sindku Joseph Casha talab li ssir sospensjoni tar-Regolamenti ta' proċedura biex item 29(3) Approvazzjoni tax-Xogħol - Librerija Pubblika li hemm fuq l-Agenda jiġi diskuss aktar tard minħabba dawn ir-raġunijiet :*

1. *Kemm is-Sindku Joe Casha u l-Kunsillier Reno Chircop iddikjaraw kunflitt ta' nteress u għalhekk kienu ser jiskużaw ruħhom meta jiġi diskuss dan l-item.*

2. *Pero' billi ma' kienx sejjer ikun hemm quorum minħabba li kien hemm Kunsillier nieqes dan l-item ma' setgħax jiġi trattat.*

*Għaldaqstant dan l-item tħalla biex jiġi diskuss aktar tard meta jkun hemm quorum.*

## 29 (4) Tiżjin tal-Milied

Fuq proposta tas-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi li l-Kunsill qabel li t-toroq prinċipali ta' l-Isla jiġu mżejjna għal żmien il-festi tal-Milied u l-ewwel tas-Sena kif dejjem sar fis-snin li għaddew.

*29(4).1* Il-Kunsill approva vot ta' Lm 480 biex jagħmel tajjeb għal dan it-tiżjin.

*Sospensjoni tar-Regolamenti ta' Proċedura*

*Il-Kunsill approva sospensjoni tar-Regolamenti ta' Proċedura mressqa mis-Sindku biex <u>item 6</u> fuq l-Agenda jiġi diskuss qabel <u>item 5 Żgħażagħ</u> għaliex il-Kunsillier Charmaine Gerada kienet għadha mhux preżenti u kellha tasal aktar tard.*

## 29 (6) Skola Ingliż - Ġemellaġġ

Is-Sindku ppreżenta rapport dwar il-proposti li saru mid-diversi skejjel li jgħallmu l-Ingliż għall-barranin f'Malta u dwar lż-żjarat li għamel mas-Segretarju Eżekuttiv f'dawk il-ħames skejjel li kienu short listed. (Rapport Mehmuż)

*29.(6).1* Minn dawk li raw kemm is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jidher ċar li l-aħjar għal li qwed toffri servizz tajjeb bi prezz baxx hija GEOS Malta English Language Centre li hija bbażaata fil-Plaza Complex tas-Sliema u li hija parti minn International Network b'500 skola mifruxa fi 15 il-pajjiż.

*29.(6).2* Skond ir-rapport mehmuż jidher li din hija laħjar skola li tissussidja t-talbiet tal-Comune ta' Cassino biex grupp ta' żgħażagħ Taljani (bejn 14 u 16 il-sena) minn Cassino jiġu jistudjaw l-Ingliż għall-ħabta ta' l-Għid il-Kbir.

*29.(6).3* Il-Kunsill permezz tas-Segretarju Eżekuttiv li għamel mezz li jġib prezz orħos minn dak offrut kummerċjalment għal dan it-tip ta' kors bażiku.

*29.(6).4* IlKunsill approva unanimament biex jirrakomanda l-Iskola GEOS Malta Language Centre lil Comune ta' Cassino bix dan il-proġett iseħħ.

*29.(6).5* Il-Comune ta' Cassino għandu jiġi nfurmat bit-tagħrif kollu meħtieġ dwar prezzijiet, organiżazzjoni u tagħrif ieħor relatat ma' dan il-kors.

*Nota :* *Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill fl-10.35am. Għaldaqstant il-Kunsill setgħa jibda jiddiskuti item 3 Approvazzjoni ta' Xogħlijiet - Librerija Lokali.*

## 29 (3) Approvazzjoni ta' Xogħol - Librerija Lokali

Quddiem il-Kunsill tressqu tlett kwotazzjonijiet ta' xogħol ta' desks għall-użu ta' l-Internet Cafe kif ukoll għal skirting u Day Down mal-ħajt.

*29.(3).1* Is-Sindku Joe Casha u l-Kunsillier Reno Chircopp talbu li jiġu skużati mil-laqgħa tal-Kunsill minħabba li kellhom kunflitt ta' nteress f'dan l-item għax uħud li tefgħu l-offerti huma familjari tagħhom.

*29.(3).2* Għaldaqstant il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku Walter Ahar u preżenti kienu l-Kunsillieri Charmaine Gerada u Mario Mizzi.

*29.(3).3* It-tlett kwotazzjonijiet kienu hekk :

| | | |
|---|---|---|
| Attard Woodworks | 2 desks | Lm 483 (VAT inkluż) |
| Tool Centre | 2 desks | Lm 402 (VAT inkluż) |
| Frank Chircop | 2 desks x 3 | Lm 345 (VAT inkluż) |
| (Kopji mehmuża) | | |

*29.(3).4* Wara li ġew miflija d-disinji, il-materjal u l-prezzijiet offruti, il-Kunsill qabel li l-aħjar kwotazzjoni hija dik mixħuta minn Frank Chircop għall-prezz ta' Lm 300 (VAT Eskluża)

*29.(3).5* Il-Kunsill approva wkoll li x-xogħol ta' l-iscirting u tad-Day Down isir minn min ġie assenjat ix-xogħol tad-desks minħabba li dawn iridu jkunu jaqblu.

*29.(3).6* Is-Sindku Joe Casha u l-Kunsillier Reno Chircop reġgħu rritornaaw fil-laqgħa tal-Kunsill fejn ġew mgħarrfa bid-deċiżjoni.

## 29 (5) Żgħażagħ

*29.(5).1* Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'dak li ġie diskuss fir-raba' laqgħa tas-sezzjoni taż-żgħażagħ tal-Kunsill Lokali li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, 2003.

Ġew diskussi attivitajiet li dawn Iż-żgħażagħ bi ħsiebhom jagħmlu, kwestjonarju mibgħut minnhom, faċilitajiet ta' TV/Video u fuq il-laqgħa li jmiss fit-3 ta' Diċembru, 2003 fis-7.00pm biex jiġi ppreżentat it-tagħrif miksub fil-kwestjonarju.

Is-Sindku Joe Casha enfasiżża li sa issa għaaadu ma' ġie ffurmat l-ebda Sotto Kumitat għaż-Żgħażagħ Iżda qed jiltaqgħu biss grupp ta' żgħażagħ li flimkien qed jorganiżżaw attivitajiet fil-Kunsiull Lokali.

*29.(5).2* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-4 ta' Diċembru, 2003 huwa kellhu laqgħa ma' l-Arċipriet ir-Rev. Joe Grech fejn dan ta' l-aħħar wera x-xewqa li ż-żgħażagħ tal-lokal itellgħu attivitajiet bħala kommunita' waħda.

*29.(5).3* Is-Sindku saħaq li l-Kunsill żgur ma' għandhux il-ħsieb li jifred il-ħidma taż-żgħażagħ fil-lokal. Anzi fil-passat il-Kunsill ħadem bis-sħiħ f'dan ir-rigward għall-interess tal-lokal minkejja tfixkil minn għand individwi li kienu qed iħarsu l-interessi tagħhom biss.

*29.(5).4* Is-Sindku għarraf lir-Reverendu Arċipriet li l-Kunsill kien dejjem lest, kif għamel fil-passat li jisma l-idejat ta' kulħadd mingħajr ma' jħalli li l-Kunsill jiġi użat għall-interess individwali. Għaldaqstant fil-prinċipju s-Sindku kien qed jaqbel ħafna ma' dak li kien qed jgħid l-Arċipriet li għadu jrid isir ħidma komuni.

*29.(5).5* Infatti l-Kunsill qabel li aktar tard issir laqgħa fejn ikunu preżenti l-gruppi taż-żgħażagħ li huma attivi fillokal.

Tant li suġġeriment biex jittellgħa Seminar għaż-żgħażagħ intlaqa' tajjeb mill-Kunsill.

*29.(5).6* Fuq talba li għamel ir-Rev. Arċipriet biex il-Kunsill jixtri Play Station 2 (madwar Lm 135) għall-użu taż-żgħażagħ fis-Sede s-Sindku informa lill-Arċipriet li minħabba nuqqas ta' finanzi huwa diffiċli li l-Kunsill ikun jista' jgħin.

*29.(5).7* Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din il-Play Station tinxtara u l-Kunsill approva il-ħlas ta' madwar Lm 135 għal dan il-għan.

## 29 (7) Skema Xogħol fil-Kommunita'

Il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Koperattiva Outlook (04/2216/03/I) li l-Korporazzjoni għall-Imjieg u t-Taħriġ ser twaqqaf din l-iskema li permezz tagħha l-Kunsill kien qed Iħaddem is-servizz ta' knis fit-toroq fil-lokal u fl-istess ħin jiffranka l-flus.

*29.(7).1* Għaldaqstant billi din l-iskema għandha tiġI fit-tmiem fl-aħħar ta' Diċembru, 2003, is-Sindku Joe Casha ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar ressaq mozzjoni b'urġenza biex jinfetħu l-offerti għas-Servizz ta' Tindif tat-Toroq fil-lokal għax jekk ma' jsirx hekk illokal jispiċċa mingħajr servizz ta' knis fil-lokal.

*29.(7).2* Din ilmozzjoni ġiet approvata minnufih u kellha toħroġ din l-offerta li kellha tagħlaq nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru, 2003 fl-12.00pm biex jiġu diskussi u approvati qabel l-1 ta' Jannar, 2004. (Ref. Ambjent Nadif - Ninu Zammit)

## 29 (8) Riżoluzzjonijiet

Il-Kunsill kellu żewġ riżoluizzjonijiet għall-approvazzjoni, Numru 17/2003 dwar sussidju għall-attivita' Rigal lill-Anzjani 2003 u Numru 18/2003 dwar vot għal xogħol meħtieġ fil-Librerija Pubblika Lokali tal-Kunsill.

*29.(8).1* Riżoluzzjoni Numru 17/2003 (Kopja mehmuża)

Fuq proposta tal-Kunsillie Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill Approva unanimament li jissussidja l-attivita' mtella mill-Kunsill kull sena għall-anzjani, bl-ammont ta' Lm 300 mill-fond ġenerali tal-Kunsill.

*29.(8).2* Riżoluzzjoni Numru 18/2003 (kopja mehmuża)

Fuq proposta tas-Sindku Joe Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-vot ta' Lm 1, 500 biex ikopru dawk ix-xogħlijiet meħtieġa għall-atrezzar tas-sit f'Misraħ 4 ta' Settembru li ser iservi ta' Librerija Pubblika Lokali u Internet Access Point għar-residenti.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fin-12.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________                                        ________________________

Joseph Casha                                        Alphonse Zammit
Sindku                                        Segretarju Eżekuttiv